# "MA JIĠIX IŻJED"

*Ta'* A. Tabone

"MA JIĠIX IŻJED". Din mhix il-karba li, fiż-żmien tal-gwerra smajnieha kemm-il darba ħierġa mill-qalb muġugħa ta' l-omm meta waslitilha l-aħbar ħażina li binha l-għażiż sab qabru f'baħar għoli fil-waqt li kien ibaħħar biex jiġġieled ma' l-għadu; lanqas mhi l-għajta ta' dik il-mara li saret taf li miet żewġha l-maħbub, li kien il s-snin twal mifrud minnha u minn uliedu, biex f'art barranija u bl-għaraq ta'l ġbinu, jaqla' l-għajxien tal-familja tiegħu. Le, din il-għajta "Ma jiġix iżjed" ma ħarġitx mix-xofftejn ta' wieħed jew ta' waħda milquta għall--għarrieda minn ġrajja ta' qsim il-qalb u tal-biki, iżda bil-maqlub, għax, ftit taż-żmien ilu, smajnieha ħierġa minn qlub imfawrin bil-ferħ, għalkemm bħalma jiġri sikwit, il-ferħ ikun mħallat b'xi ftit tan-niket.

"Ma jiġix iżjed" għajtu għalenija n-nies twajba ta' Sotto il Monte meta waslitilhom l-aħbar sabiħa li wieħed mill-pajżani tagħhom laħaq Papa bl-isem ġdid ta' Ġovanni. Min qatt kellu jgħidilha lil Marjanna Roncalli, lil dik il-mara raħlija—għalkemm twajba u tabilħaqq nisranija—min kellu jgħidilha, sebgħa u sebgħin sena ilu, meta ġiebet fid-dinja lil binha ċkejken Anġlu, li dana l-anġlu ċkejken kellu, maż-żmien, irabbi l-ġwienaħ u jittajjar 'i fuq 'il fuq sa ma jasal fl-ogħla quċċata ta' l-aqwa setgħa li tista' tingħata fid-dinja?! Min kellu jgħidlu lil Patist Roncalli li dak it-tfajjel, li f'idejh kien jerħilu l-merħla ċkejkna tiegħu, kellu jkun, mal-mixja taż-żmien, ir-Ragħaj ta' l-ikbar merħla li Sidha huwa Kristu nnifsu?! Min kellu jgħidilhom lil Fredu, lil Ġwanni u lil ħutu l-oħra meta huma kienu jħarsu bl-ikraħ lejn Anġlu u b'geddumhom sa l-art meta kienu jarawh bil-kotba f'idejh, jistudja taħt xi siġra, u forsi wkoll kienu jgħajtu miegħu u jċanfruh għax, mingħalihom, dak ħuhom kien jitlef iż-żmien fuq il-karti?! Imma l-ħsibijiet t'Alla huma għolja wisq biex moħħ il-bniedem jasal jifhimhom!

Iż-żmien beda għaddej ġmielu u, b'xorti tajba, Anġlu, ta' disa' snin, beda jmur l-iskola fil-kulleġġ ta' Calona, raħal ieħor ftit bogħod minn Sotto il Monte. Minn hawn, imbagħad, Anġlu għadda għas-seminarju tal-belt ta' Bergamo. Minn Bergamo għadda Ruma u, fl-10 ta' Awissu tas-sena 1904, ħa l-Quddiesa. Fl-ewwel gwerra l-kbira nsibuh Kappillan mas-suldati Taljani. Wara l-gwerra reġa' mar f'Bergamo, imma m'għaddiex żmien

twil u lil Dun Anġ insibuh mill-ġdid ġewwa Ruma. Il-Papa Beneditt XV, fis-sena 1921, sejjaħlu biex jagħti daqqa ta' id fix-xogħol tal-Missjoni. Erba' snin wara ,jiġifieri fil-25 ta' Frar tas-sena 1925, il-Papa Piju XI għamlu Arċisqof ta' Areopoli u bagħtu Viżitatur fil-Bulgarija. Fis-sena 1944, il-Papa l-mejjet Piju XII bagħtu Nunzju fil-belt ta' Pariġi u fit-12 ta' Jannar ta' l-1953, l-istess Papa ħatru Kardinal u, sewsew tlitt ijiem wara, għamlu Patrijarka tal-belt ta' Venezja. Għall-ħabta ta 'nofs Ottubru li għadda (1958) il-Patrijarka Roncalli telaq lejn Ruma biex, flimkien mal-Kardinali l-oħra, jaħtar il-Papa l-ġdid; imma ġara li minflok li nħatar ħaddieħor, il-Kardinali ħatru lil Roncalli Kap tal-Knisja Mqaddsa.

Din hija, fil-qosor, il-mixja twila ta' Dun Anġ Roncalli. Minn daqsxejn ta' raħal, jekk jissejjaħ raħal għaċ-ċokon tiegħu, għall-belt ewlenija tad-dinja; minn ġewwa dar ċkejkna, qadima u fqajra, għal ġo palazz kbir u mill-isbaħ; minn ġewwa kappella mħarbta, għall-akbar u għall-isbaħ bażilika tad-dinja; minn żarbun aktarx imqatta', għall-papoċċi tal-bellus aħmar b'salib taddeheb fuq il-wiċċ tagħhom; minn suttana forsi wkoll b'xi roqgħa, għal-lbies ta' ħarir mill-ifjen u minn berittin tal-kaxmer, għallkuruna miksija deheb u ġawhar. Sejjer jieħu għalih Papa Ġovanni għal dan il-leħen tiegħi? Sejjer jisgħobbih għax jien pinġejtu daqshekk fqajjar? Le, xejn minn dan kollu, għax huwa nnifsu stqarr kemm-il darba, quddiem ħafna nies u bla mistħija, li hu bin il-bdiewa u li twieled u trabba fil-għaks u fil-faqar. Huwa nnifsu jgħid li, meta kien sejjer is-seminarju, ommu Marjanna ħarġet tiġborlu mar-raħal u li, wara dik l-imsejkna omm kienet ġriet ir-raħal kollu, f'qiegħ idejha ma sabitx aktar minn tliet xelini tagħna. B'din l-istqarrija l-Papa twajjeb ma jkunx jbaxxi lilu nnifsu u lill-kobor ta' bla qies tiegħu, għax il-faqar ħalqu Alla u ma jagħmilx għajb lill-bniedem. Kieku kellu jagħmel għajb, Kristu ma kienx ikun l-Iben t'Alla, għax Kristu mhux biss twieled fqir, imma għadda ħajtu ta' fqir u miet agħar minn fqir. Bl-istqarrija tiegħu, il-Papa juri fil-beraħ li l-Knisja mhix tas-sinjuri biss u tal-għonja, bħalma jaħsbu xi wħud, u lanqas mhi tal-kbarat u ta' min jiflaħ. Il-Knisja hija ta' kulħadd, għax Kristu fetaħha għal kulħadd, għal min għandu l-flus u għal min m'għandux, għall-għoljin u għall-baxxi, għal kulħadd, u l-ewwel nies li daħħal fiha, bħalma jaf kulħadd, kienu ftit sajjieda fqajrin u ta' ebda ħila. Kull bniedem, mela, jista' jimxi l-mixja ta' Dun Anġ Roncalli; imma, min-naħa l-oħra, jeħtieġ ukoll it-tjubija,

ir-rieda qawwija, is-sagrifiċċju, l-istudju, iċ-ċaħda ta' ħafna ħwejjeġ, il-bżulija u l-ħeġġa li bihom Dun Anġ kien imżejjen sa minn tfulitu u li bihom għadu mżejjen issa li sar Papa. Huwa Alla li jmexxi l-bniedem, u dak li jrid Alla jsir u mhux dak li jkunu jridu il-bnedmin għalkemm dawn, xi drabi, donnhom ikunu jtellfu, jew aħjar, ifixxklu xi ftit ir-rieda t'Alla.

Dun Anġ laħaq Papa, u bħala Papa ma jistax jitbiegħed wisq minn ħdejn is-siġġu ta' Pietru. Pietru għażel lil Ruma bħala ċentru tad-dinja nisranija; minn ġewwa Ruma l-Papa jrid jirgħa u jindokra l-merħla kbira ta' Kristu. Mela, il-Palazz tal-Vatikan sejjer jirbaħ lill-Papa Ġovanni, u, l-iktar l-iktar, fis-sajf, il-Papa jitbiegħed xi ftit u jasal sa Kastell Gandolfo. Għalhekk, Dun Anġ ma jmurx iktar fir-raħal tiegħu Sotto il Monte, biex, għallinqas, iqatta' hemm il-btajjel tas-sajf bħalma kien jagħmel, tista' tgħid, kull sena, qabel ma sar Papa. Kellhom raġun, mela, in-nies ta' Sotto il Monte, meta waslitilhom l-aħbar sabiħa u meta semgħu l-qanpiena ċkejkna tar-raħal issemma' leħenha ferrieħi flimkien mat-tfaqqigħ tal-mortaletti, igħidu lil xulxin: "Issa Dun Anġ ma jiġix iżjed". Dun Anġ mar Ruma u ġewwa Ruma sa jtemm il-bqija ta' ħajtu. Imma, terġa' tgħid, min jaf għadx jarawh għal għarrieda lil Dun Anġ dawk in-nies twajba? Meta l-Papa kien għaddej, fuq l-ispallejn, minn ġewwa l-Bażilika ta' San Pietru f'jum il-Kurunazzjoni tiegħu u sema' lil xi nies igħajtu quddiemu u jgħidulu li huma kienu ġew minn Sotto il Monte, il-Papa bħal iċċassa u, imbagħad, iċċaqlaq bil-qawwi, beda jxejjer iktar ferħan, u donnu ried jaqbeż minn fuq is-siġġu u jmur ħdejn dawk in-nies twajba u joħdilhom b'idejh u jgħannaqhom ma' sidru. Lin-nies ta' Sotto il Monte l-Papa jafhom wieħed wieħed, jaf lil missirijiethom u aktarx ukoll lil nanniethom. Il-Papa, bħalma għidna, kien imur hemmhekk fis-sajf ta' kull sena, u s-sajf ta' qabel ma sar Papa dam jistrieħ hemm għal erbgħin jum sewwa. Id-dar ta' tfulitu, b'dak is-saqaf li, jekk jagħmel riħ qawwi jġorru miegħu, b'dawk il-bibien u twieqi li jġibulek ħniena, u nieqsa minn kull ħaġa meħtieġa għall-ħajja tal-lum, ma kenitx dar xierqa biex tilqa' fi ħdanha l-Prinċep tal-Knisja. Għalhekk, il-btajjel tas-sajf, il-Kardinal Roncalli kien igħaddihom fil-villa waħdanija tar-raħal li kien jisilfu l-Baruni Scotti. Imma, b'daqshekk il-Patrijarka ta' Venezja ma kienx jistmerr li jgħaddi s-sigħat twal ta' fil-għaxija ma' ħutu u qrabatu fil-bitħa jew ġewwa l-għorrfa li fiha, ommu, 77 sena ilu ġibitu fid-dinja. Lanqas ma kien jistmerr li jilqa' fi ħdanu, waqt

li jkun għaddej mit-triqat tar-raħal, lit-tfal żgħar tal-bdiewa għalkemm forsi xi ftit imqattgħin u xi ftit maħmuġin ukoll. Nistħajjel li hu nnifsu kien jiftakar fi tfulitu u, għalhekk, irrid naħseb ukoll li mhux l-ewwel darba, kif kien ikun miexi mar-raħal, kien jarfa' rasu 'l fuq u jħares għal taħt iċ-ċint tas-saqaf tal-għorfa, fejn, tfajjel ta' tmien snin, kien jitla' u jixxabbat mas-slielem għall-bejtiet tal-ħuttaff u tal-għasafar; kien jieħu gost ukoll igħaddi, bil-brevjarju f'idejh, minn dik it-trejqa li tibda sewsew minn quddiem id-dar tagħhom u tibqa' sejra sserrep ġewwa l-egħlieqi tal-bħajra u tad-dwieli sa ma twasslek taħt is-siġar għoljin tal-ġewż u tal-qastan, fejn taħthom, seminarista, kien igħaddi s-sigħat sħaħ -il-kotba, jistudja; kien jixtieq ukoll li ta' kull tant jasal wasla sa ħdejn il-għar imħaffer fis--sies, fejn, fi tfulitu, fix-xita u l-borra, imterter bil-bard, kien jiskenn hu u missieru.

U jista' jkun qatt li issa, għax sar Papa, Dun Anġ sejjer jinsa għalkollox dawn it-tifkiriet sbieħ u għeżież ta' tfulitu u ta' żgħożitu? Jista' jkun qatt li dawk il-lampi kbar u dawk il-linef tal-kristall tal-palazz tal-Vatikan, u dawk l-irħamiet li jleqqu u jilmaw sa tara dellek fihom, u dawk it-twapet ta' kull lewn, ta' kull daqs u ta' kull ħxuna, sejrin jeqirdu darba għal dejjem dawk il-ġibdiet li twieldu u kibru miegħu għal 77 sena sħaħ u jitfu kull xrara ta' mħabba lejn dar ommu u lejn l-altar li fuqu għamel l-ewwel tqarbina u qaddes l-ewwel darba? Jista' jkun qatt li Dun Anġ "ma jiġix iżjed" f'Sotto il Monte il-għaliex sar Papa? Sejrin jitilfuh għalkollox lil Dun Anġ in-nies twajba ta' Sotto il Monte? Hi ħaġa tqila wisq li twieġeb minn issa Le jew Iva; hi ħaġa kbira li n-nies tar-raħal tiegħu għad jaraw fosthom lil Dun Anġ tagħhom. Imma, il-Papa diġa' ħareġ iżur il-Bażiliki ta' Ruma u, fis-26 ta' Diċembru li għadda (1958), mar ukoll jara lill-ħabsin ta' "Regina Coeli" ta' Ruma, ħaġa li ħadd ma kien jistennieha. Għalhekk, dwar it-tgemgima ċkejkna li sforz l-imħabba għamlu in-nies ta' Sotto il Monte meta, wara l-bxara sabiħa, qalu lil xulxin "Issa Dun Anġ ma jiġix iżjed", iż-żmien, u ż-żmien biss, jista' jtina tweġiba.

25/XII/58.